# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

## Seduta tat-Tnejn, 26 ta' Ottubru 2020

## Talba numru 188/2019SFJ

***Ipoint International Limited (C50424)***
***vs.***
***Stephen Micallef eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem Fire & Security Engineering***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fit-23 ta' Lulju 2019 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi esponiet u talbet:

> *"Il-konvenut għandu jiġi kkundannat iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' elf u tmien mija u tnejn u ħamsin Ewro u sittin ċenteżmu (€1,852.60) rappreżentanti drittijiet għal servizzi reżi lilu mis-soċjetà attriċi.*
>
> *Bl-ispejjeż u bl-interessi mid-data tal-fattura relattiva kontra s-soċjetà konvenuta li minn issa hija nġunta għas*-subizzjoni."

Ra l-*invoice* annessa mal-Avviż tat-Talba (fol. 2).

Ra r-Risposta tal-konvenut ippreżentata fl-20 ta' Awwissu 2019 li fiha tressqu s-segwenti eċċezzjonijiet:

"*1. Illi l-ammont mitlub huwa esaġerat u eċċessiv u mhux dovut fl-intier tiegħu skont kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

*2. Salv risposti oħra ulterjuri fil-fatt u fid-dritt skont il-liġi.*

*Bl-ispejjeż.*"

Sema' x-xhieda kollha, qara d-dokumentazzjoni kollha ppreżentata, sema' t-trattazzjoni li saret tul is-seduta tal-25 ta' Settembru 2020 u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għas-26 ta' Ottubru 2020.

**Provi ppreżentati**

**Antoine Vella** ppreżenta affidavit (fol. 12 *et seq.*) li fih xehed li kien direttur tas-soċjetà attriċi, liema soċjetà, fost affarijiet oħra, kienet tipprovdi servizzi ta' disinn ta' *large format banners* kif ukoll xogħol fuq *websites*. Vella xehed li fl-2018, Stephen Micallef kien talbu jiddisinja, jipproduċi u jinstalla ħames *banners* kbar ħafna li kellu bżonn sabiex jitwaħħlu f'xi binja. Vella kompla jispjega li bejnu u bejn Micallef kien hemm relazzjoni ta' xogħol tajba ħafna billi fuq medda ta' diversi snin, Micallef kien inkariga lil Vella sabiex jaħdimlu. Vella kompla jixhed li Micallef kien staqsa x'kien ser ikun il-prezz tal-*printing* u Vella tah kwotazzjoni mingħand *supplier* li kien juża. Micallef deherlu li l-prezz kien għoli wisq u ddeċieda li jfittex *printer* hu. Għalhekk, Vella kellu jieħu ħsieb biss id-disinn tal-*banners*. Vella beda jibgħat viżwali, *concepts* u *mock-ups* tal-*banners* u jbiddel fihom skont il-*feedback* li kien jagħtih il-konvenut. Meta tlesta x-xogħol, Vella bagħat *downloadable link* lil Micallef permezz ta' *e-mail* li kien fih l-*artwork* lest biex ikun ipprintjat. Vella qal lil Micallef sabiex jarahom u japprovahom qabel jibgħathom għall-ipprintjar. Fl-istess *e-mail*, Vella qal li kien informa lil Micallef li l-prezz kien ser ikun ta' mitejn u ħamsin Ewro (€250.00) kull *banner*, jiġifieri total ta' elf u mitejn u ħamsin Ewro (€1,250.00). Micallef irrisponda għall-*e-mail* u qal li kollox kien jidher tajjeb u qatt ma qal jew ikkummenta li l-prezz kien eċċessiv. Micallef ħa x-xogħol iżda qatt ma ħallas.

Vella kompla jixhed li bejn wieħed u ieħor fl-istess żmien, kien qiegħed jikkuntattjah ċertu Victor Chircop, li kien impjegat tal-konvenut. Chircop qal li l-konvenut kellu problema fil-*website* billi din kienet ġiet *hacked* u talbu jsolvi l-problema. Is-soċjetà attriċi rnexxielha ssolvi l-problema wara seba' sigħat xogħol u talbet tlett mija u għoxrin Ewro (€320.00) għal din il-biċċa xogħol. Vella spjega li l-ammont mitlub permezz ta' din il-kawża kien dak ta' elf u mitejn u ħamsin Ewro (€1,250.00) u tlett mija u għoxrin Ewro (€320.00) li meta wieħed iżid magħhom it-taxxa fuq il-valur miżjud (*VAT*), wieħed jasal għal elf u tmien mija u tnejn u ħamsin Ewro u sittin ċenteżmu (€1,852.60). Vella kompla jgħid li hu fakkar lil Micallef diversi drabi dwar il-ħlas iżda l-ħlas ma wasal qatt. Wara diversi xhur, Micallef informa lis-soċjetà attriċi li ma riedx iħallas billi l-prezz tal-*banners* kien eċċessiv. Vella ssuġġerixxa li ssir laqgħa iżda ma saret ebda laqgħa. Kien bagħat diversi *e-mails* li bihom spjega lil Micallef kemm damu jaħdmu fuqhom, iżda xorta ma sar ebda ħlas. Skont Vella, il-konvenut kien kellem lil Cheryl Vella, impjegata fi ħdan is-soċjetà attriċi, u qalilha li ma kellu ebda problema bil-prezz rigward il-problema tal-*hacking* (€320.00) iżda laqnas dak l-ammont ma tħallas. Vella għalaq l-affidavit tiegħu billi kkonferma li l-ammont sħiħ mitlub permezz tal-kawża kien għadu dovut.

Fl-udjenza tat-18 ta' Novembru 2019, **Antoine Vella** xehed in kontro-eżami. Huwa xehed li l-konvenut kien għaddielu xi ritratti li juru klieb u qtates biex dawn ikunu maħdumin (*edited*) għal *large format*. Ix-xogħol sar minn impjegati tas-soċjetà attriċi. Mistoqsi kif ikkonkluda li l-konvenut kien qiegħed jinkariga lis-soċjetà attriċi u mhux lil xi individwu waħdu, ix-xhud wieġeb li hu kien ilu jaf lill-konvenut u dan kien kemm-il darba qabbad lis-soċjetà attriċi biex taħdimlu u mbagħad, l-istess soċjetà attriċi kemm-il darba kienet tibgħat *invoice* f'isimha stess lill-konvenut. Mistoqsi jekk ix-xogħol kienx jinvolvi *setting* u preparamenti sabiex il-*banner* ikun jista' jiġi pprintjat, ix-xhud wieġeb fl-affermattiv u qal li x-xogħol ikun għadda *back-and-forth* bejn il-partijiet sakemm ikun approvat mill-klijent (il-konvenut). Vella qal li l-aħħar parti tax-xogħol tkun li jippreparaw għall-ipprintjar.

Vella kompla jgħid li l-prezz normali huwa ta' tlett mija u ħamsin Ewro (€350.00) għal kull *banner* kbir iżda peress li hu kien iqis lill-konvenut ħabib f'dak iż-żmien, raħħas il-prezz, anki għax il-konvenut kien ordna ħames *banners*. Vella qal li kien bagħat il-*files* lill-konvenut għad-*downloading* u mbagħad ikun jista jipprintja, bix-xogħol lest u approvat. Qal li fl-*e-mail* relattiva, huwa staqsa lill-klijent jekk kienx tajjeb li jitolbu mitejn u ħamsin Ewro (€250.00) kull *banner*. Vella qal li Micallef irrisponda fl-affermattiv u saħansitra beda jiċċajta dwarha. Vella qal li huwa staqsa lil Micallef u mhux ikkmandah iħallsu għax kienu ħbieb.

Vella qal li ma setax jgħid kemm ix-xogħol ħadilhom sigħat billi huwa talab prezz *standard* għall-*banners*. Is-soċjetà attriċi ma kinitx iżżomm nota kemm damet taħdem fuq biċċa xogħol meta jkun xogħol *standard* bħall-inkarigu mertu ta' din il-kawża. Ix-xhud spjega li billi l-konvenut kien ħabib tiegħu u klijent regolari, huwa ma bagħatx wisq *e-mails* biex ifakkru jħallas. Billi kienu jafu lill-konvenut, anki wara li għaddiet sena, għalkemm kienu bagħtu xi *reminders*, ma qagħdux jagħmlu wisq enfasi. Wara xi sena, il-konvenut kien iddeċieda li ma riedx iħallas. Minħabba dan kollu u t-trapass taż-żmien, ix-xhud ma setax jikkwantifika s-sigħat. Madankollu, ix-xhud żied jgħid li *banner* seta' jieħu għaxar sigħat jew seta' jieħu ħmistax-il siegħa. Kollox kien jiddependi mill-*updates*. Ix-xhud fisser li żieda fl-ammont ta' sigħat ma kinitx neċessarjament tfisser żieda fil-prezz.

Dwar jekk ingħatatx stima, ix-xhud spjega li ma ngħatat ebda stima. Ix-xhud iżda spjega li meta huwa staqsa lill-konvenut jekk mitejn u ħamsin Ewro (€250.00) kull *banner* kienx aċċettabbli, hu kien lest jiddiskuti prezz, pero d-diskussjoni kellha ssir dak iż-żmien, u mhux sena wara, meta l-konvenut iddeċieda li ma riedx iħallas. Madankollu x-xhud ikkonferma li meta ntbagħtet l-*e-mail* tat-23 ta' Marzu 2018, ix-xogħol kien lest.

Mistoqsi kif seta' jinterpreta parti mill-*e-mail* relattiva bħala ċajta u parti oħra bis-serjetà, ix-xhud qal li billi l-konvenut kien ħabib, f'kull *e-mail* bejniethom kien hemm xi ċajta. Iżda min-naħa l-oħra, meta wieħed jitkellem dwar prezzijiet u ħlasijiet, billi kien hemm ċajta f'parti oħra tal-*e-mail* ma kienx ifisser li l-konvenut ma kienx ikkommetta ruħu.

In ri-eżami, ix-xhud qal li kien wara li għaddiet sena li s-soċjetà attriċi bdiet tinsisti li titħallas. Huwa qal li l-*invoice* ntbagħtet lill-konvenut fis-27 ta' Marzu 2018. F'dik is-sena fejn il-konvenut kien għadu ma ħallasx, l-istess konvenut qatt ma qal xejn lix-xhud.

Il-konvenut **Stephen Micallef** xehed permezz tal-affidavit tiegħu ppreżentat fit-18 ta' Novembru 2019. Dan xehed li kien ilu jaf lil Antoine Vella madwar disa' snin, li kienu jiltaqgħu kull ġimgħa u li kellhom relazzjoni eċċellenti. Micallef qal li billi fil-passat hu kien *graphic designer*

u ħuh kien jagħmel xogħol ta' *printing*, ma tantx kien jgħaddi xogħol lil Vella billi x-xogħol li kien jagħmel Vella kien effettivament jagħmlu hu stess. Madankollu, ġieli ġara li Micallef għadda xi xogħol lil Vella. Dejjem kien irnexxielhom jiftehmu dwar prezz u Vella kien dejjem jagħtih il-prezz wara li x-xogħol ikun lest. Micallef qal li l-fattura in kwistjoni kienet tikkonsisti f'żewġ biċċiet xogħol, jiġifieri fil-problema tal-*hacking*, li ma kellu ebda problema jħallasha, u fil-prezz mitlub għall-*banners* li f'għajnejn ix-xhud kien prezz eċċessiv.

Micallef kompla jgħid li kellu bżonn jagħmel ħames *banners* kbar għad-diviżjoni tal-klieb tan-negozju tiegħu. Hu kompla jikkonferma li ried biss ħames *soft copy files* bl-*artwork* tal-*banners* bil-qisien preċiżi skont kif kellhom jiġu pprintjati. Billi l-partijiet qatt ma kellhom diżgwid dwar prezzijiet, kien hemm ħbiberija u ma kinitx xi biċċa xogħol kbira, Micallef qal li kien għadda r-ritratti kollha u l-materjal kollu lil Vella mingħajr ma staqsa l-prezz *a priori*. Skont Micallef, is-soċjetà attriċi kellha biss tissettja r-ritratti u l-materjal kollu u tirranġah sabiex ikun disinn li jixraq fuq *banner* u mbagħad jgħaddi kollox lilu ġo *soft copy file* għall-ipprintjar. Skont Micallef, dan ix-xogħol ma kellux jieħu aktar minn ħames sigħat. Ix-xhud kompla jispjega li hu għadda x-xogħol lis-soċjetà attriċi għax dak iż-żmien kien imħabbat ħafna u ma setax jagħmel ix-xogħol hu. Inoltre, kien jieħu gost jgħaddi x-xogħol lis-soċjetà attriċi speċjalment meta din ma kinitx ser tkun biċċa xogħol kbira u meta kien jaf li Vella ma kienx ser iżommlu wisq.

Micallef irrefera għall-*e-mail* mibgħuta lilu minn Vella bil-*link* fejn seta' jara l-*artwork*. Meta x-xhud ra l-prezz ta' mitejn u ħamsin Ewro (€250.00) kull *banner*, ħadha b'ċajta billi kien prezz immensament esaġerat. Hu spjega li kien normali għalihom li jiċċajtaw hekk u qal, *ad exemplum*, li jekk hu kien ser jixtri oġġett li jiswa għaxar Ewro (€10.00) mingħand Vella, kien jistaqsih jekk kienx biżżejjed li jħallsu elf Ewro (€1,000.00). Skont Micallef, kien ikun ovvju li kienet tkun ċajta. Ix-xhud spjega li t-tweġiba tiegħu lil Vella fl-*e-mail* tat-23 ta' Marzu 2018 kienet biss ċajta. Meta eventwalment Vella bagħat il-fattura u Micallef raha bl-istess ammont fuqha, lanqas biss għaddiha lit-taqsima tal-*accounts* għax f'għajnejh, ma kinitx tagħmel sens. Meta mbagħad Vella avviċinah għall-ħlas u kkonferma li dak kien il-prezz, Micallef qal li lanqas biss ried jemmen u li anki mitejn u ħamsin Ewro (€250.00) kien prezz eċċessiv, aħseb u ara mitejn u ħamsin Ewro kull *banner*! Ix-xhud qal li għad li talab lil Vella jirranġa l-fattura u jitlob prezz raġjonevoli, dan baqa' jinsisti li dak kien il-*market value* tax-xogħol li sar. Micallef qal li kien staqsa persuni oħrajn fis-settur u dawn kollha ħarġu bi prezzijiet ta' bejn ħamsin Ewro u mitt Ewro (mingħajr *VAT*) biex jagħmlu l-istess xogħol li għamel Vella.

Fl-udjenza tal-25 ta' Settembru 2020 sar il-kontro-eżami ta' **Stephen Micallef**. Huwa beda biex ikkonferma li ma kellu ebda problema bil-parti tal-*invoice* fejn intalab l-ammont ta' tlett mija u għoxrin Ewro (€320.00) dwar il-problema tal-*hacking* u kien qiegħed jikkontesta biss l-ammont ta' elf u mitejn u ħamsin Ewro (€1,250.00) flimkien mal-applikabbli taxxa fuq il-valur miżjud rigward il-*banners*. Micallef ikkonferma li ma ntalbet ebda stima u kkonferma li wara l-konklużjoni tax-xogħol, meta Vella bagħat *e-mail* lil Micallef bil-prezz, dan ma semmiex li ma kienx qiegħed jaqbel mal-prezz mitlub. Huwa rraġuna li kien ovvju li kienet ċajta għax kien prezz evidentement esaġerat. Micallef kompla jikkonferma li lanqas biss staqsa lil Vella għal prezz alternattiv u ppretenda li kien ser jibgħatlu kont bil-prezz veru. Huwa qal ukoll li meta eventwalment irċieva l-*invoice*, iddispona minnha għax ħaseb li kienet tkomplija taċ-ċajta. Fil-fatt, lanqas biex kienet ingħatat lit-taqsima tal-*accounts*. Iddaħħlet biss xi xhur wara, meta l-*invoice* ġiet ikkonfermata tramite t-taqsima tal-*accounts* tas-soċjetà attriċi.

Micallef kompla jikkonferma li meta rċieva l-*invoice*, huwa lanqas biss avviċina lil Vella sabiex jitkellem dwarha u anzi qabad u ddispona minnha. Micallef ċaħad li rċieva xi *reminders* dwar l-*invoice* u qal li hu ma kienx ikun involut fit-taqsima tal-*accounts* tan-negozju tiegħu stess. Fil-fatt, *statements* u *invoices* kienu solitament imorru direttament għand it-taqsima tal-*accounts* tal-konvenut billi l-konvenut stess lanqas biss kien jiftaħ l-ittra. Finalment, ix-xhud ikkonferma li l-ammont mertu ta' din il-kawża kien għadu ma tħallasx.

Fl-istess udjenza, jiġifieri tal-25 ta' Settembru 2020, xehed **Antoine Cassar**, prodott mill-konvenut. Huwa qal li kellu negozju bl-isem "*ABC Print*" u li hu kien ipprovda stima lill-konvenut (datata 11 ta' Diċembru 2018). Ix-xhud kien intalab stima tad-disinn u pprintjar ta' xi erba' *banners*. Id-disinn ta' kull *banner* kien ikkwotat bħala tnejn u għoxrin Ewro (€22.00) li magħhom jiżdied il-*VAT* u mbagħad, *banner* tal-qies ta' 230 ċentimetru bi 300 ċentimetru kien jiswa mitejn u disgħa u erbgħin Ewro (€249.00) li magħhom jiżdied il-*VAT*. Il-kwotazzjoni baqgħet qatt ma ġiet esegwita. L-*artwork* kien jinvolvi l-produzzjoni tal-istampa li kellha tkun ippreparata fuq il-kompjuter. Il-prezz tad-disinn kien baxx billi n-negozju ġestit minn Cassar kien joffri anki l-ipprintjar. Fil-kontro-eżami, Cassar qal li x-xogħol tad-disinn (ix-xogħol ta' €22.00) kien jinvolvi li l-klijent jibgħat l-elementi tad-disinn, jiġifieri dawk l-affarijiet li ried li jidhru fl-istampa, u l-kumpannija kienet toħloq disinn li jinkorpora l-elementi kollha u jibgħat *proof*, ossia idea tar-riżultat finali, lill-klijent. Biċċa xogħol bħal dik kienet tieħu madwar nofs siegħa iżda setgħet tieħu ħafna aktar ħin billi kien possibbli li l-klijent ma jkunx kuntent u jkun hemm bżonn ċerti bidliet fid-disinn. Cassar kompla jgħid li l-prezz ikkwotat kien *flat price* u li l-prezz tad-disinn kien jinżamm baxx sabiex il-klijent ikun inċentivat juża s-servizzi tagħhom għall-ipprintjar. Fil-fatt, hu spjega li kemm-il darba klijent kien imur għandhom b'disinn lest li huma kellhom biss jipprintjawh. F'dan il-każ partikolari, għall-kwotazzjoni, ma tantx investew enerġija billi kienet talba waħda għal kwotazzjoni li ma ġietx segwita.

Fir-ri-eżami, ix-xhud, meta ġie mistoqsi kif kienet tinbidel il-kwotazzjoni kieku l-ipprintjar ma kienx isir għandhom, spjega li billi l-iskop tan-negozju tiegħu kien l-ipprintjar, aktarx li ma kinux jaċċettaw li jagħmlu disinn biss li mbagħad jingħata lil ħaddieħor għall-ipprintjar.

## Konsiderazzjonijiet

It-Tribunal jinnota qabel xejn il-kontraditorjetà fl-ewwel eċċezzjoni fejn filwaqt li ġie eċċepit li l-ammont reklamat huwa esaġerat u eċċessiv, ingħad fl-istess sentenza li ebda parti mill-ammont relattiv ma kien dovut. Dan ma jagħmel ebda sens loġiku. Jekk ammont huwa eċċessiv, isegwi loġikament li mqar parti żgħira minnu hija dovuta lis-soċjetà attriċi. Min-naħa l-oħra, jekk qiegħed jiġi eċċepit li l-ammont mhux dovut, ma jistax imbagħad jingħad li parti mill-ammont hija dovuta. Irid ikun hemm koerenza loġika kemm fit-talbiet kif ukoll fl-eċċezzjonijiet. Fi kwalunkwe każ, it-Tribunal jinnota li l-konvenut ikkonferma taħt ġurament li huwa kien jaqbel perfettament mal-parti tal-*invoice* ikkontestata li kienet tittratta l-problema tal-*hacking*. Dan ifisser għalhekk li l-konvenut aċċetta li kellu jħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tlett mija u għoxrin Ewro (€320.00) u l-*VAT* fuq dak l-ammont. It-Tribunal osserva li għalkemm il-konvenut ammetta dan, huwa qatt ma spjega għaliex ma kienx ħallas dik il-parti tal-*invoice*.

Fir-rigward tal-konvenut, it-Tribunal osserva li kemm meta dan xehed in eżami kif ukoll meta xehed in kontro-eżami, ħareġ li meta rċieva l-*invoice* relattiva, huwa qatt ma kellem lis-soċjetà

attriċi sabiex jitlob spjegazzjoni jew sabiex jikkontestaha. Huwa kellu kull opportunità jagħmel dan, għax jekk wieħed jaqra sewwa l-*e-mail* tat-23 ta' Marzu 2018 (fol. 14 u 15), jirriżulta li Antoine Vella (f'isem is-soċjetà attriċi) ma kitibx b'mod li kien jimponi prezz. Vella ma qalx li l-prezz kien tant u li dan kellu jitħallas. Anzi, Vella kważi donnu ried jieħu permess mingħand il-konvenut. Fil-fatt, il-parti prinċipali tal-*e-mail* taqra hekk:

"*Cost:*
*Would it be ok with you if I charge €250 per banner, please?*"

Micallef irrisponda billi qal li kollox kien jidher tajjeb u żied jgħid li ma kien hemm ebda problema dwar il-ħlas....anzi irrefera ghal gbir tac-cekk, li ghalkemm indikaha b'cajta, l-istess risposta ma tindika l'ebda opposizzjoni ghal prezz mitlub.Matul it-trattazzjoni tal-kawża, irriżulta li l-partijiet kienu sikwit jiċċajtaw bejniethom billi kienu ħbieb. Iżda fil-fehma tat-Tribunal, m'hemm xejn fir-risposta pprovduta minn Stephen Micallef (fol. 14) li tista' raġjonevolment tkun mifhuma bħala indikazzjoni li Micallef kien jemmen li l-prezz mitlub kien eċċessiv.

Jekk huwa veru li Micallef ħass li l-prezz kien eċċessiv, seta' faċilment irrisponda għall-*e-mail* b'mod li jikkomunika dan il-ħsieb. Micallef seta' b'xi mod ikkuntattja lil Antoine Vella biex jgħidlu dan. Meta Vella staqsa jekk kienx sewwa li jżommlu €250.00 kull *banner*, Micallef seta' talab roħs fil-prezz jew seta' b'xi mod ikkomunika li ma qabilx mal-prezz.

It-Tribunal jirreferi għax-xhieda tal-konvenut stess meta dan, anki meta kien irċieva l-*invoice* li kienet tgħid dak li kien intqal fl-*e-mail*, ma ħax azzjoni serja. Anzi, huwa qal li darba fost l-oħrajn, iddispona mill-*invoice* li rċieva.

L-Art. 1624 tal-Kodiċi Ċivili jgħid li jekk il-ħlas ma jkunx stabbilit fi ftehim, f'liġi jew fl-użu, jispetta lill-Qorti (jew f'dan il-każ, lit-Tribunal) li jiffissa l-ħlas permezz ta' stima ta' periti jew fin-nuqqas, skont iċ-ċirkostanzi.

L-artikolu appena ċitat iqiegħed il-liġi u l-użu (l-użanza) b'mod subordinat għall-ftehim. L-ordni li fih jitqiegħdu l-modalitajiet huwa wieħed li jagħti l-ogħla importanza lill-ftehim bejn il-partijiet. F'dan il-każ, ma kien hemm ebda ftehim bil-miktub*a priori*, iżda fil-fehma tat-Tribunal, in-nuqqas tal-konvenut li jopponi l-kontenut tal-*e-mail* relattiva b'ċerta saħħa, jiġifieri b'mod li juri li ma kienx jaqbel, jammonta għal aċċettazzjoni taċita. Ma jistax wieħed għalhekk jirrispondi b'mod li jinkludi l-kliem "*As to payment no problem…*" imbagħad jgħid li huwa ħa l-*e-mail* tal-attur bħala xi ċajta. Huwa bil-wisq evidenti li ma kinitx ċajta. Kemm-il darba jiġi argumentat li s-soċjetà attriċi kienet esaġerata fil-prezz li talbet, jingħad li min-naħa l-oħra, il-konvenut lanqas biss indenja ruħu jissuġġerixxi prezz alternattiv li forsi kien jidhirlu aktar raġjonevoli.

Huwa ovvju anki l-fatt li meta qam dan id-diżgwid, il-konvenut kien diġà rċieva x-xogħol u seta' jużah liberament. Ċertament messu għaddielu minn moħħu l-prinċipju *omnia labor, optat premium.*

L-argumentazzjoni tal-konvenut hija żbaljata in kwantu li tassenja lit-Tribunal il-funzjoni li jiffissa l-prezz hu. Fil-fatt, l-Art. 1624 jgħid li l-Qorti (f'dan il-każ, it-Tribunal) jiffissa l-prezz **biss** meta l-prezz ma joħroġx minn ftehim, minn liġi jew mill-użu. It-Tribunal huwa tal-fehma li n-nuqqas ta' oppożizzjoni effettiva tal-konvenut ħolqot ftehim bejn il-partijiet u għalhekk il-konvenut intrabat li jħallas l-ammont relattiv.

It-Tribunal ma jinsabx propens li jagħti wisq importanza lix-xhieda tax-xhud Antoine Cassar għas-sempliċi raġuni li kif xehed huwa stess, huwa ntalab joħroġ stima, liema stima la qatt ġiet diskussa ulterjorment u lanqas ġiet irrealizzata. Ix-xhieda ta' dan ix-xhud hija pjuttost *in vacuo* u allontanata mill-fatti ta' din il-kawża. Wieħed ma jridx jinsa li Cassar huwa kompletament barrani għall-fatti ta' din il-kawża u xehed biss abbażi ta' daqsxejn ta' stima li hu kien ħareġ fuq talba tal-konvenut. Cassar xehed ukoll li d-ditta tiegħu aktarx ma kinitx taċċetta li tagħmel id-disinn biss għax l-operat prinċipali tagħha kien il-*printing*. Kien għalhekk fl-interess tan-negozju tiegħu li jżomm il-prezz tad-disinn baxx sabiex, kif qal hu stess, jinċentiva lill-klijenti tiegħu jużaw is-servizzi tiegħu għall-*printing*. Inoltre, Cassar kompla jispjega li għalkemm kien possibbli li d-disinn relattiv isir f'nofs siegħa, wieħed xorta kellu jikkalkula l-elementi fid-disinn u l-*back-and-forth* li jista' jkun neċessarju meta d-disinn ma jogħġobx lill-klijent u għalhekk ikun hemm bżonn it-tibdiliet – li ovvjament imbagħad jirriżultaw f'aktar ħin u mhux biss nofs siegħa.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, it-Tribunal, wara li qara l-atti, sema x-xhieda, ra d-dokumentazzjoni ippreżentata u sema' t-trattazzjonijiet relattivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut u jilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċiu b'hekk jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' elf u tmien mija u tnejn u ħamsin Ewro u sittin ċenteżmu (€1,852.60).

It-Tribunal jordna li l-interessi relattivi għandhom jiddekorru mid-data tal-fattura relattiva, jiġifieri mis-27 ta' Marzu 2018, sad-data tal-pagament effettiv. Madankollu, it-Tribunal jippreċiża li ebda interessi m'għandhom jiddekorru fuq dawk il-partijiet tal-*invoice* li jirrappreżentaw ammont dovut in linea ta' taxxa fuq il-valur miżjud (*VAT*).

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenut.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Jur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**